# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI, B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 22 ta' Jannar, 2000**

**Numru 15**

**Cit. Nru. 2831/96 CFS**

**Francesco Saverio Frendo**

**vs**

**Rev. Giuseppe Frendo u Filippo Vassallo ghal kull interess li jista' jkollu u b'digriet tal-Qorti tal-21 ta' April, 1998 l-atti gew legittimati f'isem Maria mart Wistin Farrugia, Rosaria mart Antonio Grech, Carmela Vassallo, Philippa Vassallo u Giuseppa Vassallo ulied il-konvenut Filippo Vassallo defunt u b'digriet ta' l-10 ta' Gunju, 1996, l-atti gew ukoll legittimati f'isem Grace Psaila.**

**Id-digriet appellat**

Dan hu appell mis-segwenti digriet moghti mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet premessi fil-15 ta' Gunju, 1999:-

"Meta ssejjhet il-kawza deher Dr. Debono ghall-konvenut li talab li l-kawza tmur dezerta a tenur ta' l-Artikolu 963 u 965 tal-Kodici ta' Procedura Civili stante li l-kawza odjerna minkejja li ilha ghan-notifika ghal fuq aktar minn sentejn ghadha ma gietx notifikata lill-konvenuti kollha u dan bi ksur ta' l-Artikolu 963 li jistipula perjodu perentorju ta' sitt xhur.

Deher Dr. Chris Cilia ghall-attur.

Dr. Cilia jopponi t-talba peress li jsostni li kien qed jaghmel ir-ricerki tieghu.

Il-Qorti tirrileva li mill-20 ta' Jannar, 1999, sa llum la saret ebda notifika u anqas gew prezentati dokumenti u, ghalhekk, tilqa' t-talba ta' Dr. Debono".

**L-Appell**

L-attur hassu aggravat minn dan id-digriet u talab permess lill-ewwel Qorti biex jappella minnu ai termini tas-subinciz 3 ta' l-artikolu 229 tal-Kap 12. Permess li l-ewwel Qorti akkordatlu.

**Aggravju**

L-attur ghandu diversi aggravji procedurali fir-rigward ta' dan id-digriet. Din il-Qorti tqis qabel xejn l-ewwel aggravju li hu f'dawn it-termini:- "Is-subinciz 5 ta' l-artikolu 963 tal-Kap 12 jipprovdi li f'kaz li l-proceduri bil-miktub f'kawza quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ma jinghalqux entro t-terminu perentorju ta' sitt xhur, allura tali kawza ghandha titqies bhala

'kawza li tkun tqeghdet fuq il-lista ta' kawzi ghas-smiegh u li sussegwentement, b'ordni tal-Qorti tkun thalliet ghal data mhux specifikata, u d-disposizzjonjiet ta' l-artikolu 964 sa 967 ta' dan il-Kodici ghandhom japplikaw ghaliha". Ghalhekk, isostni l-attur appellant, kawza f'din is-sitwazzjoni ta' dezerzjoni ma taqax awtomatikament dezerta, kif invece sehh quddiem din il-Qorti (vide artikolu 963 (5) (b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

L-appellant jissottometti ghalhekk illi din il-kawza, wara li l-ewwel Qorti kienet laqghet l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut, kellha titpogga fuq il-lista tal-kawzi li kienu thallew ghal data mhux specifikata, u kellhom japplikaw l-artikoli 964 sa 967 appena citati. In risposta ghal dan l-aggravju l-konvenut ir-Reverendu Guseppe Frendo jissottometti li dan l-artikolu 963 (5) hu car u esplicitu. F'kaz li l-proceduri mill-prim'istanza ma jinghalqux fi zmien sitt xhur a tenur ta' l-artikolu 963 (1), allura dawni l-proceduri jigu meqjusa dezerti. Il-Qorti ezaminat id-disposizzjonjiet applikabbli in materja u ssib li dan l-aggravju ta' l-appellant hu pjenament gustifikat. Ikkonsidrat:-

a) is-subinciz 1 ta' l-artikolu 963 jiddetermina l-gheluq tal-procedura bil-miktub. Is-subinciz 1 jispecifika illi l-procedura bil-miktub f'kull

kawza ghandha tigi maghluqa fil-Qorti ta' l-ewwel grad fi zmien perentorju ta' sitt xhur u fil-Qorti tal-grad ta' Appell fi zmien perentorju ta' sena. Dan l-ewwel subinciz bl-ebda mod ma jiddikjara fih x'kienu l-effetti f'kaz li l-atti bil-miktub ma jigux hekk maghluqa fi zmien stipulat. Dawn l-effetti f'kawza, fejn il-proceduri bil-miktub ma jkunux gew maghluqa fiz-zmien prefiss, huma specifikati fis-subinciz 5 ta' l-istess artikolu. Effetti li huma differenti ghall-kawzi quddiem Qorti fl-ewwel grad minn dawk ghall-kawzi quddiem Qorti tat-tieni grad. Fil-kaz ta' dawn ta' l-ahhar, dan is-subinciz espressament jiddikjara illi jekk il-proceduri bil-miktub ma jkunux gew maghluqa fiz-zmien stipulat, il-kawza kellha titqies bhala kawza dezerta (is-subinciz (b)).

(b) Fil-kaz ta' kawzi fl-ewwel grad fejn ma jkunx gie osservat id-dispost tas-subinciz 1 ta' l-istess artikolu u fejn allura l-proceduri bil-miktub ma jkunux gew maghluqa fiz-zmien stipulat – kif hu l-kaz taht ezami - "din ghandha titqies bhala kawza li tkun tqeghdet fuq il-lista ta' kawzi ghas-smiegh u li sussegwentement, b'ordni tal-Qorti tkun thalliet ghal data mhux specifikata u d-disposizzjonjiet ta' l-artikoli 964 sa 967 ta' dan il-Kodici ghandhom ikunu japplikaw ghaliha".

(c) Kjarament allura l-ligi ma tridx illi f'kaz ta' kawza quddiem Qorti ta' l-ewwel grad ikun hemm dezerzjoni awtomatika meta l-proceduri bil-miktub ma jkunux gew maghluqa fi zmien statutorju. Il-Qorti f'dan il-kaz

stabbiliet procedura preciza kif  tali dezerzjoni kellha, f'dawn il-kazijiet, tavvera ruhha.  Din il-Qorti allura tifhem li meta l-ewwel Qorti laqghet it-talba tal-konvenut bid-digriet tal-15 ta' Gunju, 1999,  bil-prezenti stanza appellat, din kienet qed taccetta dak kollu li kien lilha sottomess.  Infatti, it-talba tieghu kienet espressa bi precizjoni illi "il-kawza tmur dezerta a tenur ta' l-artikolu 963 u 965 tal-Kodici ta' Procedura Civili".   Una volta l-ewwel Qorti laqghet din it-talba kif espressa, kienu kjarament japplikaw id-disposizzjonjiet li ghalihom din il-Qorti qeghda taghmel riferenza. Dan ifisser necessarjament illi dak id-digriet ma kienx jimporta d-dezerzjoni awtomatika tal-kawza.  Kien invece jimporta l-applikazzjoni ta' l-artikoli 964 sa 967 tal-Kap 12 li ghalihom is-subinciz 5 ta' l-artikoli 963, invokat mill-appellat, kien jaghmel espressament riferenza.

Dan l-appell jirrizulta allura ghal kollox inutili u jidher li huwa l-frott ta' malintiz provokat probabilment min-nuqqas ta' apprezzament preciz tad-dispozizzjonijiet applikabbli in materja u li kellhom jigu konsidrati mplicitament  inkorporati fid-digriet appellat.

Jidher li hu l-kaz allura li l-atti jigu rimessi lill-ewwel Qorti biex, fl-iskorta tad-digriet appellat, jigu applikati ghall-prezenti proceduri, li kellhom jitqiesu mhux definittivament dezerti, il-provvedimenti ta' l-artikoli 964 sa 967 tal-Kap 12.  Provvedimenti li jimponu iter procedurali obbligat qabel ma l-kawza quddiem Qorti ta' l-ewwel grad li fiha l-proceduri bil-miktub

ma kienux gew konkjuzi fi zmien statutorju tkun tista' titqies dezerta fit-termini tal-ligi.

Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet mhux il-kaz li din il-Qorti tinoltra ruhha f'aggravji ohra sollevati mill-appellant. Tinnota biss illi l-istess appellat fil-verbal tal-15 ta' Gunju, 1999, jitlob li l-kawza "tmur dezerta". Frazi din li tindika proprju li l-proceduri kellhom jaqbdu t-triq procedurali li kellha necessarjament tigi osservata qabel id-dezerzjoni effettivament tavvera ruhha.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mill-appell billi:-

a) tikkonferma d-digriet appellat fit-termini precizi li dan kellu jigi interpretat skond il-ligi;

b) tirrimetti l-atti quddiem l-ewwel Qorti biex il-procedura preskritta tigi segwita ad unguem kif determinata bl-artikoli 964 sa 967 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

c) tiddeciedi li kull att iehor mehtieg, in linea principali jew sussidjarja biex jigu eventwalment legittimati u regolarizzati l-atti kellhom jingibu a konjizzjoni ta' dik il-Qorti billi l-process kellu jitqies li

qatt ma halla l-kompetenza taghha inkwantu l-appell prezenti kellu jitqies li kien ghal kollox superfluwu.

d) Fic-cirkostanzi l-ispejjez ta' dan l-incident kellhom jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

Dep/Reg

mm